**M'għadekx l-istess miegħi**

Min jaf x'marret qaltlek hi minn warajja?
Int li qabel tant kont tiċċajta mieghi?
Issa, meta tarani war'dal-ġrajja
Taħrabni, donnok sirt wisq għadu tiegħi?

Isien il-mewt trid tagħti kont lil Alla
Li għamilt hu għemil mill-aktar moqżież,
Xerridt qlajja fuq ħuku qed tissajja
Ħżunitek għad taqalgħek minn art in-nies.

Imma jien se nissokta għalik nitlob
Int tibqa’ għażiża għal Alla Missierek,
Li jissokta jiġri warajk ħa jifdik;

U għax iħobbok lilek għad irid jidrob
U bil-ġerħa tiegħek miegħu se jxierek,
Biex bl-indiema f’qalbek jista’ iqawwik.

Patri Mario Attard OFM Cap
18 ta’ Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.